MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 418/2002

**Lorenza Farrugia**

**Vs**

**Emanuel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat sabiex :-

1. ikun responsabbli sabiex isiru l-proceduri idoneji sabiex il-flus depozitati fil-kont bankarju f'isem il-partijiet personalment bin-numru 90436348 fil-bank Ingliz Barclays Bank PLC jigu trasferiti fuq isem l-attrici;

2. jiffirma l-atti necessarji ghat-trasferiment tal-fuq imsemmija flus u dan skond terminu qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop;

3. Fin-nuqqas, ihallas lill-attrici s-somma fi flus Maltin ekwivalenti ghal hamest elef, tlett mija u hamsin Lira Sterlina (5,350 Sterling) jew somma ohra verjuri, skond l-bilanc tal-fuq imsemmi kont, li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

U dan a bazi ta’ dak hawn taht premess:

Billi l-attrici u l-konvenut isseparaw minn xulxin permezz ta’ att pubbliku datat 11 ta‘ Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella kopja ta’ liema hija annessa u mmarkata Dok A mal-avviz;

Billi a tenur tal-klawsola 7(f) tal-fuq imsemmi kuntratt il-konvenut obbliga ruhhu li jcedi u jittrasferixxi a favur ta’ l-attrici kull sehem li ghandu li jista’ jkollu minn kull investiment li, fid-data tal-kuntratt il-partijiet kellhom kemm f’Malta kif ukoll barra minn Malta;

Billi l-partijiet ghandhom kont bankarju f’isimhom it-tnejn personali bin-numru 90436348 fil-bank Ingliz Barclays Bank PLC kif jider mill-kopja tad-dokument li gie anness u mmarkat Dok B mal-avviz u billi sal-gurnata tal-llum l-bilanc ta’ dan il-kont huwa ta’ hames elef, tlet mija u hamsin Lira Sterlina (5,350 Sterling);

Billi l-attrici ghandha d-dritt, a tenur tal-fuq imsemmi kuntratt, ili tittrasferixxi tali flus f’isimha u li ggib tali flus hawn Malta, madanakollu dan m’huwiex possibbli minghajr li jsiru l-proceduri idoneji bil-kunsens tal-konvenut;

Billi l-konvenut, illegalment u abbusivament qieghed jirrifjuta li jottempera ruhhu ma l-obbligu minnu assunt permezz tal-fuq imsemmi klawsola 7(f) tal-kuntratt ta’ separazzjoni u cioe qieghed jirrifjuta li jiffirma d-dokumenti necessarji ghat-trasferiment ta’ dawn il-flus.

Billi l-konvenut gie interpellat kemm il-darba sabiex jottempera ruhhu ma l-obbligu minnu assunt permezz tal-kuntratt tal-11 ta' Marzu, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, izda huwa baqa' inadempjenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 17, a fol 18 u a fol 22 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi minn dak risultanti mill-imsemmija verbali li saru, rispettivament, fil-11 ta' Settembru 2002, fis-7 ta' Jannar 2003 u fit-28 ta' April 2003, il-konvenut avolja kien iddikjara li ser jikkontesta t-talba attrici, sallum ma ssottometta ebda eccezzjoni bil-miktub skond kif ordnat. Inoltre hu lanqas ma ssottometa nota tal-osservazzjonjiet jew sottomissjonijiet, kif mitlub minnu stess permezz tal-abili difensur tieghu.

Ikkunsidrat.

Illi da parti tal-attrici, oltre li xehdet (fol 19 u fol 20 tal-istess atti), hi esebiet, in atti, vera kopja tal-att publiku tas-separazzjoni konsenswali bejnha u zewgha, l-konvenut odjern kif ukoll zewg statements dwar il-kont bankarju barrani in kwistjoni (fol 3, fol 10 u fol 21 tal-istess atti).

Illi, mill-imsemmija dokumenti, jirrizultaw is-segwenti fatti , li ma gewx kontestati mill-konvenut:-

a) Skond l-imsemmi att publiku ta' separazzjoni li ghandu d-data tal-11 ta' Marzu 1999 specifikatament fil-paragrafu 7(f) (ara fol 7 ibid), "ir-ragel (ossija l-konvenut odjern) qieghed icedi u jittrasferixxi a favur tal-mara accettanti (ossija l-istess attrici) kull sehem, dritt, interess, jew pretensjoni, li ghandu jew li jista' jkollu minn kull investiment li, llum il-konjugi Farrugia ghandhom kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.
b) Ma giex kontestat li, fid-data msemmija l-istess konjugi Farrugia kellhom kont bankarju barrani kif risultanti a fol 10 u fol 21 tal-atti liema kont hu Sterlini kellu bilanc ta' 5557.48 Sterlini, fis-27 ta' Frar 2002.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici kkonfermat taht gurament, dak kollu premess u ghalhekk f'nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut, ser jigu akkolti t-talbiet attrici.

Ikkunsidrat

Illi vis-à-vis it-tielet talba l-istess Qorti kkonvertet l-ahhar bilanc imsemmi f'valuta Maltija a basi tar-rata bejn il-Lira Maltija u l-Isterlina ta' 1.57881 Sterlina ossija l'hekk msejjha "middle rate" bejn dawn il-muniti vigenti fl-4 ta 'Ottubru 2003 u a basi ta' dan l-ahhar bilanc imsemmi f'Liri Sterlini kellu valur, f'Liri Maltin, ta' Lm3520.07,0.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. Tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jsiru l-proceduri idoneji sabiex il-flus depozitati fil-kont bankarju f'isem il-partijiet personalment bin-numru 90436348 fil-bank Ingliz Barclays Bank PLC jigu trasferiti fuq isem l-attrici;
2. Tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jiffirma fi zmien xahar millum stess l-atti necessarji ghat-trasferiment tal-fuq imsemmija flus u;
3. Fin-nuqqas tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess attrici s-somma ta' Lm3520.07,0 ekwivalenti ghas-somma ta' 5557.48 Sterlini hawn fuq premessi bl-imghax legali mit-28 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------